

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 701/2003

tas-16 ta' April 2003

li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2286/2002 rigward l-arranġamenti applikabbi għal importazzjonijiet ta' ċertu laħam tat-tjur u prodotti mill-bajd li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paciċiku (Stati ACP)

(ĠU L 99, 17.4.2003, p. 32)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2170/2003 tat-12 ta' L 326 4 13.12.2003 Diċembru 2003			
► <b>M2</b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1722/2006 tal-21 ta' Novembru 2006 L 338M 601 17.12.2008			
► <b>M3</b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1936/2006 tal- L 338M 848 17.12.2008 20 ta' Diċembru 2006			

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 338 (1722/2006)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 478 (1936/2006)

**▼B****IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 701/2003****tas-16 ta' April 2003**

**li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2286/2002 rigward l-arranġamenti applikabbi għal importazzjonijiet ta' ġertu laħam tat-tjur u prodotti mill-bajd li jorġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku (Stati ACP)**

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ġunju 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2002 (²), u partikolarmen l-Artikolu 3 miġjub fi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 493/2002, u partikolarmen l-Artikolu 3 miġjub fi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2286/2002 ta' 10 ta' Diċembru 2002 dwar l-arranġamenti li jaapplikaw għall-prodotti u merkanzija agrikola li jirriżultaw mill-proċessar ta' prodotti agrikoli li jorġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku (Stati ACP) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1706/98 (⁴), u partikolarmen l-Artikolu 5 miġjub fi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2286/2002 jimplimenta l-emendi għall-arranġamenti għal importazzjonijiet mill-Istati ACP li saru bħala riżultat tal-Ftehim tas-Shubja ACP-KE iffirmsat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (⁵). L-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jintroduċi arranġamenti ġenerali biex jitnaqqsu dazji tad-dwana għall-prodotti fl-Anness I ta' miegħu u arranġamenti speċifiċi għat-tnejn qis ta' dazji tad-dwana, fil-qafas tal-kwoti tat-tariffa, għal-ċerti prodotti fl-Anness II ta' miegħu.
- (2) Bħala riżultat ta' dawn l-arranġamenti ġodda ta' importazzjoni, regoli dettaljati ta' applikazzjoni għandhom jiġu preskritti għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni għal prodotti li jikkwalifikaw għal dazji mnaqqsa. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 704/1999 tal-31 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġu applikati l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti mill-bajd u mil-laħam tat-tjur li jorġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku (Stati ACP) u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 903/90 (⁶) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1043/2001 (⁷), għandhom għalhekk jitħassru.
- (3) Għall-għanijiet ta' tmexxija tal-kwoti tat-tariffa ta' importazzjoni, ir-regoli ġenerali preskritti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 jippreskrivu regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati tal-fissar bil-quddiem għal

(¹) ĠU L 282, ta' 1-11-1975, p. 49.

(²) ĠU L 77, ta' 1-20-3-2002, p. 7.

(³) ĠU L 282, ta' 1-11-1975, p. 77.

(⁴) ĠU L 348, tal-21-12-2002, p. 5.

(⁵) ĠU L 317, tal-15-12-2000, p. 3.

(⁶) ĠU L 89, ta' 1-4-1999, p. 29.

(⁷) ĠU L 145, tal-31-5-2001, p. 24.

**▼B**

prodotti agrikoli <sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 325/2003 <sup>(2)</sup>, għandhom jiġu applikati meta dan ir-Regolament ma jippreskrivix regoli speċifiċi.

- (4) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni kif suppost tal-kwoti, sigurta għandha tinhieg għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni u ċerti kondizzjonijiet għandhom jiġu preskritt i rigward l-applikanti nfushom. Il-kwoti għandhom jiġu wkoll maqsuma fuq sena u l-iskond ta' validita ta' liċenzji għandu jiġi speċifikat.
- (5) Biex titħalla ssir l-aqwa tmexxija tal-kwota tat-tariffa, dan ir-Regolament għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2003.
- (6) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Laħam tat-tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**▼M3****▼C2**

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistipula regoli dettaljati għall-implementazzjoni tal-kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni fuq il-prodotti tal-kodiċijiet NM elenkti fl-Anness I hawnhekk, miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 2286/2002.
2. Id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000 <sup>(3)</sup> u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 <sup>(4)</sup> għandhom jaapplikaw, ħlief meta dan ir-Regolament jistipula mod ieħor.
3. Il-kwantità ta' prodotti li jibbenifikaw mill-kwota msemmija fil-paragrafu 1 u r-rata ta' tnaqqis ta' dazju huma stipulati hawn fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-kwantità stabbilita għal kull kwota tinqasam f'żewġ sub-perjodi, kif ġej:

- 50 % mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju,
- 50 % mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru.

*Artikolu 3*

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti għal-liċenzja ta' l-importazzjoni, waqt li jressqu l-ewwel applikazzjoni tagħhom għal perjodu annwali tal-kwota partikolari, għandhom jagħtu prova li importaw jew esportaw, matul kull wieħed miż-żewġ perjodi msemmija fl-imsemmi Artikolu, tal-anqas 50 tunnellata prodotti koperti mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.
2. L-applikazzjoni għal-liċenzja tista' tkopri diversi prodotti koperti b'kodiċijiet NM differenti. F'dan il-każ, jeħtieġ li l-kodiċijiet kollha tan-NM u ismijiet jitniżżlu, rispettivament, fil-kaxex 16 u 15 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja nnifisha.

Applikazzjoni għal-liċenzja jeħtiġilha tkopri minimu ta' 10 tunnellata u massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli matul il-perjodu sekondarju kkonċernat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 152, ta' 1-24.6.2000, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 47, tal-21.2.2003, p. 21.

<sup>(3)</sup> ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

**▼C2***Artikolu 4*

1. Il-kaxxa 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u liċenzji jeħtiġilhom juru l-pajjiż ta' l-oriġini, u l-kelma “iva” għandha tkun ingassata b'salib.
2. Fil-kaxxa 20 tal-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja, għandha titniżżejjel waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti A.
3. Il-liċenzja għandu jkun fiha, fil-kaxxa 24, waħda mid-daħliet li jingħataw fl-Anness II, il-parti B.

*Artikolu 5*

1. Applikazzjoni għal liċenzja ma tistax titressaq ħlief matul l-ewwel seba' ġranet tax-xahar qabel kull perjodu sekondarju msemmi fl-Artikolu 2.

Madankollu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2007, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji isiru waqt l-ewwel ħmistax-il jum ta' Jannar 2007.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa-mhux aktar tard mill-ħames jum ta' xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali mitluba għal kull grupp, espressi fkilogrammi.
3. Il-liċenzji għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.
4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali, il-kwantitajiet effettivamente imqiegħda fil-moviment ħieles skont dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat għal kull grupp, espressi fkilogrammi.

*Artikolu 6*

1. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal mijha u tmenin jum mid-data tal-ħruġ attwali (tagħhom) bi qbil mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.
2. Bla īxsara għall-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, it-trasferiment tad-drittijiet mogħiġi bil-liċenzji huwa limitat għall-konċessjonarji li jissodis faw il-kundizzjonijiet ta' eliggħibiltà stipulati bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

**▼B***Artikolu 7*

Għandha tīgħi depożitata garanzija ta' 20 EUR għal kull 100 kilogramma għall-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni għall-prodotti kollha.

*Artikolu 8*

L-importazzjoni skond l-arranġamenti għal tnaqqis fid-dazji fuq l-importazzjoni provvduti f'dan ir-Regolament tista' ssir biss jekk l-oriġini tal-prodotti involuti jiġi attestat mill-awtoritat jippe kompetenti tal-pajjiżi esportaturi b'mod konformi mar-regoli dwar l-oriġini li jaapplikaw għall-prodotti fil-kwistjoni skond il-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE firmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.

**▼M3**  
**▼C2**

**▼B**

*Artikolu 10*

Ir-Regolament (KE) Nru 704/1999 huwa hawnhekk imħassar.

*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼M1***L-ANNESS I*

**Prodotti b'riferenza għalih fl-Artikolu 1(3) ta' l-anness II għar Regolament  
(KE) Nru 2286/2002 li jikkwalifika għat-tnaqqis fid-dazju taħt il-kwota**

Nru fl-Ordni	Quota Nru	Kodiċi tan-NM	Reduction in dwana (%)	Kwantità kull sena ftunnellati)
09.4024	Q3	0207	65	400
09.4025	Q4	160231 160232 160239	65	500

**▼M3****▼C2***ANNESS II***A. Ir-referenzi msemmija fl-Artikolu 4(2):**

<i>bil-Bulgaru:</i>	Prodott AKP- Регламент (EO) № 701/2003.
<i>bl-Ispanjol:</i>	Prodott AKP- Reglamento (CE) n° 701/2003.
<i>biċ-Ċek:</i>	Prodott AKP- Nařízení (ES) ċ.701/2003.
<i>bid-Daniż:</i>	Prodott AKP- Forordning (EF) nr. 701/2003.
<i>bil-Ġermaniż:</i>	Prodott AKP- Verordnung (EG) Nr. 701/2003.
<i>bl-Estonjan:</i>	Prodott AKP- Määrule (EÜ) nr. 701/2003.
<i>bil-Grieg:</i>	Prodott AKP- Κανονισμό (EK) αριθ. 701/2003.
<i>bil-Ingliż:</i>	Prodott AKP- Regulation (EC) No. 701/2003.
<i>bil-Franċiż:</i>	Prodott AKP- Règlement (CE) n°. 701/2003.
<i>bit-Taljan:</i>	Prodott AKP- Regolamento (CE) n.701/2003.
<i>bil-Latyan:</i>	Prodott AKP- Regulas (EK) Nr. 701/2003.
<i>il-Litwan:</i>	Prodott AKP- Reglamento (EB) Nr. 701/2003.
<i>bl-Ungeriż:</i>	Prodott AKP- 701/2003/EK Rendelet.
<i>bil-Malti:</i>	Prodott AKP- Regolament (KE) Nru. 701/2003.
<i>bl-Olandiż:</i>	Prodott AKP- Verordening (EG) nr. 701/2003.
<i>bil-Pollakk:</i>	Prodott AKP- Rozporządzenia(WE) nr.701/2003.
<i>bil-Portugiż:</i>	Prodott AKP- Regulamento (CE) n.º 701/2003.
<i>bir-Rumen:</i>	Prodott AKP- Regulamentul (CE) nr. 701/2003.
<i>bis-Slovakk:</i>	Prodott AKP- Nariadenie (ES) ċ. 701/2003.
<i>bis-Sloven:</i>	Prodott AKP- Uredbe (CE) št. 701/2003.
<i>bil-Finlandiż:</i>	Prodott AKP- Asetus (EY) N:o. 701/2003.
<i>bl-Iżvediż:</i>	Prodott AKP- Förordning (EG) nr. 701/2003.

**B. Daħliet imsemmija fl-Artikolu 4(3):**

<i>bil-Bulgaru:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Регламент (EO) №701/2003.
<i>bl-Ispanjol:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Reglamento (CE) n° 701/2003.
<i>biċ-Ċek:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Nařízení (ES) ċ. 701/2003.
<i>bid-Daniż:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Forordning (EF) nr. 701/2003.
<i>bil-Ġermaniż:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Verordnung (EG) Nr. 701/2003.
<i>bl-Estonjan:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Määrule (EÜ) nr 701/2003.
<i>bil-Grieg:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Κανονισμό (EK) αριθ. 701/2003.
<i>bil-Ingliż:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regulation (EC) No701/2003.
<i>bil-Franċiż:</i>	tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Règlement (CE) n° 701/2003.

▼C2

- it-Taljan:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regolamento (CE) n. 701/2003.
- bil-Latyjan:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regulas (EK) Nr. 701/2003.
- bil-Litwan:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Reglamento (EB) Nr. 701/2003.
- bl-Ungariż:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-701/2003/EK Rendelet.
- bil-Malti:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru701/2003.
- bil-Olandiż:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Verordening (EG) nr. 701/2003.
- bil-Pollakk:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Rozporządzenia (WE) nr701/2003.
- bil-Portugiż:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regulamento (CE) n.º 701/2003.
- bir-Rumen:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fir-Regulamentul (CE) nr. 701/2003.
- bis-Slovakk:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Nariadenie (ES) ċ. 701/2003.
- bis-Sloven:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Uredbe (CE) št. 701/2003.
- bil-Finlandiż:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Asetus (EY) N:o 701/2003.
- bl-Iżvediż:* tnaqqis tad-dazju doganali kif stipulat fil-Förordning (EG) nr 701/2003.
-